# KUNSILL LOKALI VALLETTA

Rapport ta' ħidma (2020)

tal-kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni u l-Qasam Soċjali

Is-Sur Mark Spiteri Lucas B.A. (Hons), P.G.C.E., A.L.C.M

## Introduzzjoni

Wara li matul l-ewwel sitt xhur ta' ħidma tiegħi fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ffukajna aktar fuq qsim ta' ideat waqt laqgħat varji u *brainstorming* ta' kif nistgħu nibdew naħdmu biex nimplimentaw proġetti varji għall-ġid tal-komunità Beltija, l-2020 ippreżentat opportunità biex nibdew inwettqu fil-prattika dak li ħejjejna. Madankollu l-imxija tal-COVID-19, bħalma ġara f'bosta aspetti soċjali u anke ekonomiċi madwar id-dinja kollha, mhux l-inqas f'pajjiżna, wasslitna biex ħafna minn dawn il-pjanijiet kellhom jibqgħu fuq l-ixkaffa!

## 'Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar'

Bħala kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni u l-Qasam Soċjali ħassejt li kelli lok fejn inżewweġ dawn iż-żewġ dekasteri bil-kors li jingħata f'bosta lokalitajiet madwar pajjiżna organizzat mid-Dipartiment tal-Home Economics fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta, 'Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar'.

Wara li kkomunikajt ma' Dr Suzanne Piscopo il-persuna inkarigata mit-tmexxija ta' dan il-kors, irnexxielna għall-ewwel darba nġibu l-kors fil-Kunsill lokali tal-Belt Valletta li għalih applikaw madwar 18-il persuna. Kellu jkun kors validu u interessanti li matulu l-applikanti kellhom jiksbu ħiliet dwar kif jistgħu jtejbu l-istil ta' ħajja tagħhom u jkunu kapaċi jgħinu lilhom infushom u lill-familjari tagħhom fil-mod ta' kif jimmaniġġjaw ir-riżorsi personali tagħhom. Madankollu fl-istess perjodu li kienu se jibdew dawn is-sessjonijiet, faqqgħet il-pandemija Covid-19 u spiċċajna biex kellna nipposponu dan il-kors. Sintendi, il-ħsieb huwa li kif l-affarijiet jissetiljaw, nerġgħu naħdmu biex dan il-kors jinbeda kif kien maħsub li jsir. F'lokal fejn sfortunatament għandna diversi każijiet soċjali u anke ta' faqar li f'każijiet minnu x'aktarx li ġej minn tqassim ħażin ta' riżorsi, żgur li dan il-kors għandu jservi ta' għajnuna kbira.

## Laqgħa mar-residenti fi proġett pilota

Bħala parti mill-minoranza fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, kont involut ukoll fi proġett pilota li nedejna jien u sħabi bl-iskop li niltaqgħu mar-residenti f'laqgħa li matulha ir-residenti ġew mistiedna jgħaddu l-ilmenti u/jew suġġerimenti tagħhom lilna bħala minoranza bit-tama li

nkunu nistgħu niġbru dawn il-punti u nressquhom fis-seduti tal-kunsill lokali. L-ewwel laqgħa nżammet fis-sajf u rrid ngħid li għaliha kien hemm attendenza inkoraġġanti. Imxejna mad-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa u tqajmu bosta punti validi li sussegwentement bdejna nressqu wħud minnhom waqt is-seduti tal-kunsill lokali.

L-iskop hu li wara din il-laqgħa jsiru oħrajn simili għaliex nemmnu li l-kuntatt dirett mar-residenti huwa fundamentali biex inkunu nistgħu nħossu l-polz tagħhom qabel ma jittieħdu ċerti deċiżjonijiet.

**L-Edukazzjoni u Inizjattiva Personali**

L-edukazzjoni hija għal qalbi u matul dawn ix-xhur żammejt kuntatt frekwenti mal-kap tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca Skola Primarja Valletta, is-sinjorina Victoria Spiteri. Hija żammitni infurmat anke b'xi tibdiliet li kienu qed isiru fl-iskola f'dak li għandu x'jaqsam mal-infrastruttura. Min-naħa tiegħi, u fuq inizjattiva personali tiegħi, f'Ottubru, propju lejlet li reġgħu fetħu l-iskejjel wara l-vaganzi tas-sajf, ipprżentajt lill-kap tal-iskola, numru ta' kotba ġodda bil-Malti u bl-Ingliż biex ikunu jistgħu jitpoġġew fil-librerija tal-istess skola u eventwalment jintużaw mill-istudenti preżenti u anke dawk futuri. Il-qari huwa ċ-ċavetta għal edukazzjoni aħjar. U edukazzjoni aħjar tipproduċi ċittadini aktar mgħarrfa u Beltin aktar responsabbli b'sens ċiviku.

**Ħidma lilhinn mid-dekasteru tiegħi**

M'għandniex xi ngħidu li għalkemm kull kunsillier għandu d-dekasteru tiegħu, nemmen li trid tkun ukoll ftit flessibbli. Aħna ddeċidejna li nidħlu għal din ir-responsabbiltà għax għandna għal qalbna beltna u niesha. Tkellimt fuq il-problema tan-nuqqas ta' parkeġġ, fuq il-ġbir tal-iskart. Kelli l-opportunità, anke jekk b'mod informali, nitkellem ma' membri tal-Community Police li rrid ngħid qed jagħmlu xogħol impekkabbli fil-Belt.

Għal 'Jum il-Belt' fit-28 ta' Marzu, is-Sindku, is-Sur Alfred Zammit wera x-xewqa li fost attvitajiet oħrajn, itella' kunċert fi Pjazza Teatru Rjal. Is-Sindku u sħabi l-kunsilliera laqgħu t-talba tiegħi biex f'dan il-kunċert jieħdu sehem talenti Beltin li b'xorti tajba l-kapitali hija mogħnija bihom. Għalhekk is-Sindku inkarigani inħejji kunċert 'live' li għalih kont ikkonfermajt il-parteċipazzjoni ta' bosta kantanti u mużiċisti rinomati mill-Belt Valletta. Konna anke bdejn nirreklamaw dan il-kunċert fuq il-mezzi tax-xandir u fuq il-media soċjali. Sfortunatament iżda l-imxija Covid-19 faqqgħet fl-istess perjodu u l-ħolma ta' dan il-kunċert baqgħet fil-kexxun.

Matul ix-xahar ta' April, rappreżentant ta' kumpanija magħrufa tat-tindif, 'Bad Boy Cleaners' għamel kuntatt miegħi fejn offrieli li jekk irridu l-kumpanija kienet lesta tgħaddielna xi ħaddiema (kif seħħ f'lokalitajiet oħrajn) biex jgħinuna fil-ħidma tagħna bħal tindif, manutenzjoni u l-bqija. Huma kienu lesti jagħmlu dan mingħajr ħlas. M'għandniex xi ngħidu offerta bħal din mhux ta' min jitlifha u t-tweġiba tiegħi kienet fl-affermattiv. Wara li tkellimt mas-Sindku u eventwalment is-

Sindku ltaqa' mal-istess kumpanija, dan il-proġett beda jitwettaq. Sar xogħol ta' tindif f'diversi appartamenti u mkejjen madwar diversi akwati fil-Belti Valletta li minnu gawdew bosta familji Beltin.

**Konklużjoni**

Bil-limitazzjonijiet kollha u bis-sitwazzjoni xejn sabiħa li għexna u għadna qed ngħixu matul din is-sena, irnexxielna nkomplu nsalpaw. It-triq mhix faċli u żgur li l-avvenimenti li seħħew u kif qed iseħħu minn jum għal ieħor, kultant jaqtgħulek qalbek biex tkompli taħdem. Nemmen li forsi stajt noffri aktar u f'moħħi għandi diversi ideat li nittama li nkun nista' nwettaq fil-futur qrib u mbiegħed.

Żgur li matul l-2020 messejt aktar ma' realtajiet soċjali li għandhom bżonn ikunu fiċ-ċentru tal-ħidma mhux biss mill-Kunsill Lokali, imma wkoll mill-Gvern Ċentrali. Offrejt l-għajnuna tiegħi anke lil min forsi seta' ntlaqat ħażin bis-sitwazzjoni li qed ngħixu, b'mod partikolari lill-anzjani. Għamilt kuntatt diversi drabi ma' wħud mill-anzjani tagħna biex jekk xejn noffrilhom kelma ta' wens u ta' kuraġġ. Dan għamiltu anke permezz tal-mezzi soċjali.

Jalla u nittama li l-2021 toffri xenarju kemxejn differenti bit-tama li nkun nista' nkun ta' għajnuna għall-komunità Beltija fil-limitazzjonijiet tiegħi bħala uman. Jalla u nittama li l-2021 toffri tama ġdida biex jien u sħabi nkomplu naħdmu lilhinn mill-partiġġjaniżmu għax fina ħafna residenti jaraw tama, solliev, raġġ ta' dawl biex il-ħajja tagħhom, ta' residenti li jgħixu f'Belt kapitali u mhux f'raħal kwalunkwe, titjieb.